

## Knisja: Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb
## Komunita' Agostinjana
## Paceville

# Ħolma u Rakkont - Nota u Talba - Merħba u Stedina

Lilkom - Għeziez ilkoll:

- Residenti u Ħbieb.
- Dawk li żżuruna ta' spiss u dawk li b'xi mod huma jew jħossuhom 'imbegħda'.
- Dawk li ssibu fil-Knisja tagħna t-tieni dar tagħkom u fiha magħna tiltaqgħu mal-Mulej Ġesu' l-Imgħallem waħdieni tagħna lkoll.
- U lil dawk kollha li għad jiġu fostna…illum…għada… u fiż-żmien li ġej.

***Lil kulħadd – Merħba u s-sliem.***

Qed nibgħat din l-ittra f'isem sħabi kollha tal-komunita' biex naqsam magħkom ftit ħsibijiet li jistgħu jinġabru prinċipalment fi tlieta: (a) ħolma u rakkont… (b) nota u talba… (c) stedina u merħba.

**Ħolma u Rakkont**:

- Bħalma tafu, smajtu jew rajtu… f'dawn l-aħħar sitt xhur il-Knisja tagħna li tinsab taħt il-protezzjoni tal-Verġni Omm Alla u Omm il-Parir it-Tajjeb kienet magħluqa minħabba xogħol li kien qed jsir fiha. Kienet ħidma - frott ta' ħolma - li kienet ilha tinħema dawn l-aħħar sentejn wara proposta li kont ressaqt lill-Komunita' tagħna f'Settembru 2006 u li issa bl-għajnuna ta' Alla seħħet kwazi kollha bejn April – Settembru 2008….jonqosna biss l-aħħar ftit li se jitkomplew matul Novembru qabel il-festi uffiċċjali. **Il-knisja** - *kif se nindika iktar l-isfel u kif ħafna issa jafu* - **madankollu se tinfetaħ mill-ġdid nhar is-Sibt 4 ta' Ottubru li ġej għal quddiesa ta' ringrazzjament fis-6.45pm**. Meta tidħlu fiha se tindunaw li kienu sitt xhur ta' ħidma qawwija u li matulhom sar volum qawwi ta' xogħol b'elf dettlal li kif tistgħu timmaġinaw jkun involut f'ħidmiet ta' dan id-daqs. Saret mhux biss tiswija lil ħsarat strutturali li kellha - li abbli għajn mhux attenta ma kienitx tinduna bihom mal-ewwel..imma kienu hemm! – imma mbagħad sar sforz ikbar biex il-knisja tingħata ruħ, spirtu u sens ta' sbuħija flimkien ma' dettalji oħra loġistiċi li kienu meħtieġa biex il-knisja tkun ingħalqet b'mod ħolistiku kemm mil-latt artistiku imma wkoll dak prattiku u konkret. F'moħħna kellna dejjem il-fattur tal-post strateġiku fejn ninsabu bħala knisja u l-udjenza li nemmnu li għad jilħaq dan il-maqdes għaziz kemm għaż-żmien t'issa u għal ġenerazzjonijiet futuri. Li dawn mhumiex il-bogħod daqs kemm ġieli naħsbu meta tqis li fiz-zona tagħna il-ġenerazzjonijiet u l-kultura jinbidlu tista tgħid…kull ġimgħa u b'ritmu mgħaġġel! Din kienet il-ħolma u r-rakkont li kibret b'tant immaġinazzjoni, passjoni u b'ħidma kbira u li nittamaw li bl-għajnuna ta' Alla tħalli l-frott mixtieq.

**Nota u Talba:**

- Kull filgħodu f'dawn is-sitt xhur kont nitlob li ma jinqala l-ebda inċident lill-ħaddiema li mhux biss għamlu xogħol kbir imma ħadmu tajjeb ħafna. U Alla sema talbna. Waqt ix-xogħol kollu imma…kont iktar nitlob…u għadni hekk sal-lum… biex dan il-proġett ta' tiġdid iġib qawmien ġdid spiritwali kemm fiz-zona tagħna u kemm f'dawk li għad jiġu jżuruna. Zerriegħa li għal grazzja ta' Alla ġa kienet kompliet tixxettel u kibret bil-Millennnium Chapel li nfetħet fis-sena 2000. F'dawn it-tmien snin li ilni Paceville kont inħoss ġo fija dieqa kbira li m'hawn l-ebda simbolu sagru f'Paceville kollu. Qisu il-profan (li mhux dejjem ħazin) tefa' d-"dawl". Hawn mhux bħal irħula jew l-ibliet l-oħra ta' Malta kollha fejn it-traċċl tar-reliġjon wieħed għadu jista jarahom u jħosshom. Hawn, l-ambjent hu pjuttost kliniku..qisu mnezza mis-sens ta' Alla. Kwazi minsi.. u mpoġġi fil-ġenb. Naturalment din l-osservazzjoni mhix rifless tal-ħafna tajjeb li għandu kulħadd..kbar u żgħar, dawk li huma tal-post u dawk li jiġu minn bnadi oħra. Kont inħoss weġgħa li n-nies kienu jgħaddu minn ħdejn il-knisja tagħna u ġieli ma jindunawx li hemm knisja. U ssib minn kollox! (a) Hemm dawk li rabtu qalbhom mal-knisja tagħna fis-sens li jsibu fiha id-dar tagħhom. (b) Hemm oħrajn li jiġu biss u jitilqu (l-effett tal-*petrol station* li qed jidher mal-pajjiz kollu) imma bla ebda rabta fil-qalb, fl-ispirtu u fl-għotja bħala nsara b'mod reali mal-knisja 'tal-post'. Qishom insara 'anonimi'! (c) Hemm il-folla taz-zgħazagħ u tal-koppji li għal grazzja ta' Alla kibret fostna f'dawn l-aħħar snin bil-quddiesa tas-sibt filgħaxija fil-Millennium Chapel u li issa qed jinvolvu ruħhom b'mod attiv magħna. (d) Hemm ukoll

dawk li jgħixu madwarna imma b'xi mod forsi ilhom ma' jersqu lejn din id-dar tal-Mulej tagħna. U allura l-ikbar xewqa u talba sinceira tiegħi hi, biex dan kollu li sar u issa wasal biex jintemm… jkun bħas-silta proverbjali tal-Kelma ta' Alla… li ssemmi din l-ikla-festa li hi issa mħejjija biex kulħadd jħossu mistieden…KULĦADD…ħa jiġi jara u jduq ..”kemm hu tajjeb il-Mulej”…dan l-istess Mulej tagħna li għalina għandu biss u dejjem…kliem ta' sliem u barka. Għandi fidi mill-iktar konvinta li l-Omm maħbuba tagħna li fostna hi meqjuma taħt it-titlu sabiħ ta' Omm tal-Parir it-Tajjeb..tbierek hi dawn l-intenzjonijiet kollha flimkien mal-enerġija u l-ħidma kollha li saret..u biex dan kollu - issa u għal li ġej - jservi għal ikbar glorja ta' Alla u biex Marija u binha Ġesi' jkunu dejjem iktar maħbuba u milqugħa.

## Merħba u Stedina:

- Din il-merħba u stedina issa… fiha diversi sfumaturi li ġentilment nitlobkom tippermettuli naqsamhom magħkom. Se nindika erba' xenarji:

- *L-ewwel stedina*: **<u>Biex kulħadd jingħaqad magħna fil-weekend tal-4 u l-5 ta' Ottubru meta l-Knisja se terġa tinfetaħ mill-ġdid</u>. Se nagħmlu quddiesa ta' radd il-ħajr nhar is-sibt 4 ta' Ottubru fil-quddiesa tas-6.45pm** u tkun ħaġa sabiħa ħafna li nkunu lkoll…fid-dar tal-Missier.
- *It-tieni stedina*: **<u>Biex imbagħad xahar u nofs wara..bejn l-14-16 ta' Novembru…nattendu bi ħġarna għat-Tridu ta' Ringrazzjament li se jfakkar il-ftuħ uffiċċjali mill-ġdid tal-Knisja, it-Tberik tagħha u l-Konsagrazzjoni tal-Artal</u>**. *Iktar 'l isfel għandkom programm sħiħ ta' dawn il-jiem.* It-tema tat-tlett ijiem se tkun bx-xieraq il-Magnificat! Tkun ħaġa sabiħa li nistiednu personalment lil dawk kolha li kienu residenti ta' Paceville u li li llum marru jgħixu f'postijiet oħra. Nitlobkom tagħmlu intom stess din l-istedina f'isimna lkoll.
- *It-tielet stedina*: **<u>Li hi iktar personali. Ejja nerġgħu ndaħħlu d-drawwa antika imma li fiha għerf kbir… li meta nkunu għaddejin minn quddiem il-knisja…nidħlu u nsellmu lill-Imgħallem tagħna u lil Ommna Marija</u>**. Ngħaddu ftit ħin ħdejhom …tant għandna bzonn nistrieħu miegħu… u nizgurakom li dak il-ħin Alla jagħmel fina affarijiet sbieħ, jtina id-doni li neħtieġu…apparti l-miraklu tas-sliem u s-serenita' li dan il-ħin jħalli fina.
- *Ir-raba stedina*: **<u>Ejja nagħmlu xi ħaġa sabiħa għal Alla flimkien u nħajjru persuni oħra jersqu lejn id-dar ta' Alla</u>**. Nistgħu nkunu aħna stess li qed naqraw din l-ittra. Jistgħu jkunu membri tal-familji tagħna stess, uliedna, ġirien, ħbieb. Nagħmluha b'imħabba, bil-qalb, b'ġentilezza u zgur li Alla mbagħad jmiss il-qlub HU bil-mod tiegħu..fiż-żmien tiegħu. Hemm ġid biss x'jista joħroġ minn din l-istedina.

Naħseb dan kollox l-aħwa!

- F'isem ħuti kollha (fr Hilary, fr Mario u fr Salvu) grazzi mill-qalb ta' kemm tħobbuna, tgħinuna, tafdawna u titolbu għalina. Nizgurakom li għandna bzonn ta' dan kollu u iktar. Nixtieq li min għandu xi ħaġa x'joffri bħala servizz..jgħidilna!
- Nixtiequ li nkomplu niltaqgħu magħkom personalment kemm fil-liturġija qaddisa tal-knisja, imma wkoll fil-ħidma pastorali u f'mumenti oħra ta' ħbiberija u fraternita'.
- Fuq kollox…sibuna dejjem fejn tħossu li nistgħu nkunu ta' għajnuna għalikom.

Fl-aħħarnett, inwegħdkom zgur talbi (flimkien mal-għotja tal-vokazzjoni tiegħi) u ġentilment nitlob tagħkom ukoll.

Fr Ray Francalanza osa
Pirjol u Rettur tal-Knisja

## Xi nformazzjoni prattika

### Dwar il-ħinijiet tal-quddies:

- Matul il-ġimgħa: 7.25am (bis-salmi) – 8.30am – 6.45pm
- Is-Sibt: 7.25am – 8.30am – 6.45pm
- Is-Sibt ukoll: Il-quddiesa taz-zgħazagħ: 9.30pm
- Il-ħadd: 7.30am – 9.00am – 10.15am – 11.30am (in English)

### Dwar il-Program tal-Ftuħ uffiċċjali f'Novembru li ġej:

- **Il-Ġimgħa 14/11 : Velja ta' Talb u Inawgurazzjoni tal-Proġett kollu**. <u>Ħin fis-7.00pm</u> (Ma jkunx hawn quddiesa filgħaxija dak inhar għax l-inawgurazzjoni se sseħħ f'laqgħa ta' talb).
- **Is-Sibt 15/11: It-Tberik tal-knisja**: <u>Ħin fil-quddiesa tas-6.45pm</u>
- **Il-Ħadd 16/11: Il-Konsagrazzjoni tal-Artal**. <u>Ħin fil-quddiesa tad-9.00am</u>. Din l-konċelebrazzjoni se tkun mmexxija minn Mons Arċisqof Pawl Cremona op. (Għal dan il-jum biss din se tkun l-*uniku quddiesa* li se tiġi ċċelebrata ħalli l-komunita' kollha tinġabar għal din il-ġrajja storika u ekkezjali qawwija u sabiħa.